ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

---

**Minuti tat-381 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**l-Erbgħa, 23 ta' Frar, 2011**

Il-laqgħa bdiet fis-6.25 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku s-Sur Domenic Agius ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Kevin Plumpton

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-380 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Bonnici qal li *dog litter bins* kienu twaħħlu fil-postijiet allokati. Il-Viċi Sindku semma l-bżonn li jinxtraw aktar *dog litter bins*.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk kienitx ġiet ordnata in-*notice board* li kellha titwaħħal f'Misraħ San Gakbu. Id-Deputat Segretarja Eżekuttiv wieġbet fl-affermativ.

Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati

Inqraw il-minuti tas-Sotto Kumitat Ġemellaggi, Skambji u Indafa Pubblika. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġew issekondati mil-Viċi Sindku.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-ħlas għall-*performing rights* tas-sena 2011 kien ta’ €18. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, il-Kunsill qabel unanimament li titħallas is-somma ta’ €18.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjonijiet kollha li saru mill-Assoċjazzjoni f’isem il-Kunsilli Lokali biex isiru *bus shelters* ġodda, ġew approvati u qed issir ix-xogħol mit-*Transport Malta.*

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar sensiela ta’ 13-il programm li ser jixxandru fuq stazzjonijiet televizivi għall-ħlas ta’ €951 għal kull programm. L-għan tal-programm ta’ nofs siegħa l-wieħed huwa li l-Kunsill iwassal messaġġ pożittiv dwar il-ħidma tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, qabel unanimament li ma jipparteċipax f’dan il-programm.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda CAREMALTA dwar in-nominazzjonijiet għall-Premju Nazzareno Vassallo li ser jagħlqu nhar it-Tnejn, 7 ta’ Marzu, 2011.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kap tal-Kullegg Santa Margerita tal-Bniet f’Bormla fejn il-Kunsill intalab jagħti ktieb għall-Jum il-Premjazzjoni li ser issir nhar il-Ġimgħa, 25 ta’ Marzu, 2011 fl-iskola sabiex tiġi premjata studenta mill-lokalita’. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tingħata kopja tal-ktieb *Zabbar – A Living History*.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn *Transport Malta* fejn il-Kunsill ġie mitlub jagħmel is-sinjali sofor fi Triq Leli Tabone.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-MEPA fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-bilanċ tal-fondi *Urban Improvement Fund* (UIF) sa tmiem Novembru 2009 kien ta’ €66,366.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-*Malta Standards Authority* fejn il-Kunsill ġie mitlub jaħtar persuni responsabbli mill-*playing fields*. Is-Sindku ppropona li jinħatar il-Kunsillier Robert Buhagiar. Il-Viċi-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita’ tad-Djar dwar l-iskema ‘Programm ta’ manutenzjoni fil-komun tal-binjiet tal-Gvern 2011 - 2016.’ L-Awtorita’ tad-Djar matul din is-sena ser taħdem fuq numru ta’ binjiet mal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal li l-Awtorita’ tad-Djar kienet ser taħdem fuq tlettax il-binja f’Ħaż-Żabbar. Is-Sur Bonnici qal li kien hemm numru ta’ binjiet b’iktar minn entratura waħda għalhekk wieħed ried jara kif ser tinħadem din l-iskema.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-*Melita Pedal Power Cycling Club* biex jiġu organizzati tlielaq tar-roti fi Triq Villabate f'Ħaż-Żabbar nhar il-Ħadd, 6 ta' Marzu 2011. Is-Sindku qal li bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Karnival ta' Malta, il-Kunsill ser jorganizza Marċ Karnivalesk f'Ħaż-Żabbar u ser ikun hemm numru ta' toroq magħluqa għat-traffiku kif ukoll għat-trasport pubbliku. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ma jingħatax il-kunsens biex tingħalaq din it-triq.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija Leon Promotions dwar l-attivita' tal-Karnival li ser isir f'Ħaż-Żabbar nhar il-Ħadd, 6 ta' Marzu, 2011. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li jittella' l-programm kif propost minn din il-kumpanija ghall-ħlas ta' €950 (inkluz il-VAT).

Inqrat korripondenza mis-Sur James Mizzi fejn talab lill-Kunsill biex isiru sinjali tat-traffiku fi Triq ix-Xgħajra u fi Triq Santa Duminka. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li din it-talba titressaq quddiem *Transport Malta* sabiex isiru dawn is-sinjali tat-traffiku.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-*Fgura Joint Committee* dwar ħlasijiet pendenti mill-Kunsill Lokali tal-Birgu dovuti lil Kumitat Konġunt għas-servizz tal-gwardjani lokali u servizzi anċillari oħra.

Inqara invit mibgħut mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, b'kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar għal Kunċert Vokali u Strumentali fl-okkazzjoni ta' Ħadd in-Nies u f'għeluq is-60 sena mill-Inkurunazzjoni u 10 snin mit-tqegħid tal-Istellarju tal-Kwadru Titulari tal-Madonna tal-Grazzja. Dan il-kunċert ser isir nhar is-Sibt, 12 ta' Marzu, 2011 fis-7.30 ta' filgħaxija fis-Sala Notre Dame.

Inqara invit mibgħut mill-President u l-Kumitat tas-Soċjeta Kazin Santa Liena – Banda *Duke of Connaught's Own* ta' Birkirkara fejn stiednu lis-Sindku u l-Kunsilliera għal Kunċert Annwali Vokali u Strumentali li ser isir nhar is-Sibt, 26 ta' Frar, 2011 fis-7.15 ta' filgħaxija fis-Sala Sir Temi Zammit fl-Universita' ta' Malta f'Tal-Qroqq.

<u>Item 6 – Xogħol tal-Kunsill</u>

- <u>Approvazzjoni ta' Finanzi</u>

Id-Deputat Segretarja Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Jannar 2011 li kien jammonta għal €190.68. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Id-Deputat Segretarja Eżekuttiv resqet ukoll għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn is-27 ta' Jannar, 2011 u t-23 ta' Frar, 2011 li kien jammonta għal €44,617.76. Din ġiet approvata unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Inqrat korripondenza mibgħuta mill-Perit Edric Micallef fejn ta rapport fuq ix-xogħlijiet li saru fi Triq G Agius Muscat mill-kuntrattur Alfred Schembri & Sons Ltd. Il-Perit, wara spezzjoni li sar fuq din it-triq irrakomanda li l-Kunsill iżomm il-ħlas ta' 2.5% mill-kont finali. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jimxi mar-rikomandazzjoni tal-Perit u għalhekk il-Kuntrattur jitħallas u jinżamm biss 2.5% bħala *retention money.*

Fis-7.30 ta' filgħaxija s-Sur Buhagiar u s-Sur Buttigieg talbu li jkunu skużati.

Id-Deputat Segretarja Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt għall-Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku kien ser jiskadi u għalhekk il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li jġededd dan il-kuntratt għal sena oħra bl-istess rati u kundizzjonijiet.

Id-Deputat Segretarja Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt ta' Manutenzjoni ta' Bankini u Toroq kien ser jiskadi u għalhekk il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sur Plumpton, il-Kunsill qabel unanimament li jġededd dan il-kuntratt għal sena oħra bl-istess rati u kundizzjonijiet.

Inqraw il-minuti tat-tmien laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sindku ppropona li l-Kunsilliera s-Sur Pisani u s-Sur Plumpton ikunu responsabbli mill-affarijiet tal-Unjoni Ewropeja. Il-Viċi-Sindku ssekonda din il-proposta u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku semma l-bżonn li jitnaddfu l-konki li hemm f'Misraħ San Gakbu.

Is-Sindku talab biex issir mera fi Triq San Ġuzepp faċċata ta' Triq Ħadd in-Nies.

Is-Sindku talab li l-Kunsill jikteb lill-*Transport Malta* dwar id-dawl tal-*bus shelters* li saru ġodda peress li dawn kienu mitfija.

Is-Sindku qal li għalkemm il-Kunsill kien kiteb lill-Korporazzjoni Enemalta dwar id-dawl tal-*playing field fil-Housing Estate* dawn kienu għadhom ma ġewx irranġati.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet ġiet ordnata l-plakka biex il-*playing field* tal-*Housing Estate* jingħata l-isem għal Tamara Psaila.

Il-Viċi-Sindku ressaq l-ilment tar-residenti dwar in-nuqqas ta' *wardens* fil-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar.

Il-Viċi-Sindku talab li tinħareg it-*tender* għall-installazzjoni tal-lift. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien se japplika għall-fondi mill-*Urban Improvement Fund* sabiex ikun iffinanzjat parti mill-proġett ta' titjieb fiċ-Ċentru Ċiviku biex jiġi nstallat il-*lift*.

Il-Viċi-Sindku tkellem dwar il-laqgħa li hu u l-Kunsilliera s-Sinjura Calleja kellhom mad-Direttur tal-*Cultural Centre*. Infatti l-Viċi-Sindku qal li kien hemm interess li tittella' *exhibition* fl-attivita' kulturali *Lejla fil-Belt Hompesch*.

Fit-8.30 il-Viċi-Sindku talab li jkun skużat.

Is-Sur Pisani tkellem dwar il-laqgħa li kellu mas-Surmast tal-Iskola A sabiex jgħin tfal li għandhom bżonn attenzjoni speċjali fl-istudju tagħhom.. Is-Sur Pisani qal li dawn il-lezzjonijiet ta' għajnuna kienu ser jibdew fl-aħħar ta' Marzu.

Is-Sur Pisani semma l-bżonn li jitnaddaf u jinżebaħ it-Teatru Griek.

Is-Sur Bonnici ressaq talba ta' resident sabiex isir *road hump* fi Triq Felice. Is-Sindku qal li l-Kunsill għalissa ma kienx f'pożizzjoni li jagħmel *road humps* fil-lokalita'.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li titnaddaf il-funtana f'Misraħ San Ġakbu.

Is-Sur Bonnici tkellem dwar il-*Bi Annual Meeting* li sar f'Malta fejn ġie diskuss il-programm ta' attivitajiet għal dawn is-sentejn.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li jinzebgħu l-bankijiet li hemm fi Triq is-Santwarju fejn il-monument ta' Guze Agius Muscat.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li jsir *refresh* taz-*zebra cross* fi Triq tal-Labour. Is-Sindku qal li dan l-ilment kien tressaq għall-attenzjoni ta' *Transport Malta.*

Is-Sur Bonnici talab li ssir *zebra cross* f'Misraħ tal-Madonna Medjatrici ma' Triq Hompesch. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ressaq din it-talba lil-*Transport Malta* imma ma kienetx ġiet approvata peress li fi Triq Hompesch kien hemm ġa *zebra cross*.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn li tiġi rranġata parti mill-bankina fi Triq il-Kbira.

Is-Sinjura Calleja rreferiet għat-talba li l-Kunsill għamel sabiex titwaħħal bozza ġdida fi Triq l-Iskola. Is-Sinjura Calleja talbet sabiex il-Kunsill jerġa' jikteb lill-Korporazzjoni Enemalta biex jagħmlu *street lighting* fuq in-naħa l-oħra ta' triq.

Is-Sur Grech talab biex tintbagħat ittra lir-residenti fi Triq Santa Dumenika biex iżommu l-iskart quddiem ir-residenza tagħhom. Is-Sindku qal li kien hemm ilmenti mir-residenti li dan l-iskart kien qed jiġi mtajjar mill-vetturi.

Is-Sur Grech talab li jsiru sinjali ta' *parking bays* fi Triq G Agius Muscat bejn Triq Bajada u Triq Culqana.

Il-laqgħa spiċċat fit-9.00 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata De Noto
Deputat Segretarja Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-382 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 23 ta' Marzu, 2011.

Domenic Agius
Sindku